MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 10/2013

**LEE BORG**

**Vs**

**DIRETTUR (SERVIZZI TAL-KUMMERC)**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni moghtija mill-Bord ta'l-Appelli dwar il-Licenzjar tal-15 ta' Frar 2013 fejn il-Bord ippronunzja is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Bord ra d-dokumenti relattivi u sema' s-sottomissjonijiet.*

*Ikkunsidra:*

*L-artiklu 38(2) tal-Avviz Legali 1 ta' 2006 huwa car fejn jistipula illi l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu* ***joggezzjona*** *fi zmien sittin (60) gurnata minn*

*meta jinghata l-avviz tad-Direttur (Servizzi tal-Kummerc), inkella jitqies illi jaqbel ma l-ghoti ta' l-awtorizzazzjoni. F'dan il-kaz partikolari il-Kummissarju* ***ma oggezzjonax*** *u ghalhekk ghandu jitqies li jaqbel ma l-awtorizzazzjoni.*

*Ghalhekk, il-Bord jiddeciedi billi jawtorizza lill-appellant illi jiftah u jopera l-istabbiliment tieghu, "Rock Elements Bar", Wilga Street, Paceville, St. Julians sal-4 ta' fil-ghodu, u dan b'effett immedjat, u jordna lid-Direttur (Servizzi Kummercjali) sabiex johrog dawk il-permessi u licenzji u jaghti dawk id-direttivi kollha li jistghu ikunu necessarji sabiex din id-decizjoni isehh". Inoltre l-Bord jordna lis-Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc tirrimborsa id-drittijiet kollha li l-appellant hallas ghall-appell."*

Illi id-Direttur appellanti aggravat b'din id-decizjoni ressaq dan l-appell fejn essenzjalment jilmenta illi l-Bord malament applika dak dispost fir-regolament 38(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 u dana meta iddecieda illi l-*e-mail* mibghuta mill-Kummissarju tal-Pulizija tal-05 ta' Settembru 2012 ma kenitx tikkwalifika bhala oggezzjoni u dana kif rikjest mil-ligi. Kwindi l-Bord ma kellux jirrevoka id-decizjoni ta'l-istess Direttur appellanti u ghalhekk jordna l-estensjoni tal-hinijiet tal-ftuh tal-fond kummercjali proprjeta ta'l-appellat bl-isem Rock Elements Bar sal-erbgha ta' fil-ghodu.

Illi fil-konfront ta' dan l-aggravvju, l-appellat jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita ta'l-appell interpost in kwantu l-istess mhux ibbazat fuq l-ebda punt ta' dritt izda jirreferi biss ghall-apprezzament u interpretazzjoni moghtija mill-Bord fid-diskrezzjoni tieghu tal-*e-mail* mibghuta mill-Kummissarju tal-Pulizija, u mhux ta' xi punt ta' dritt imqanqal quddiem l-istess Bord. Dan bi vjolazzjoni ta' dak dispost fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad illi:

**"Meta xi parti f'appell lill-Bord tħoss ruħha aggrava b'deċiżjoni tal-Bord, jew jekk l-awtorità regolatorja tħoss ruħha mhux sodisfatta b'xi deċiżjoni bħal dik, tista' <u>dwar punt ta' liġi</u> tappella lill-Qorti tal-Appell kif magħmul skont l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi**

**ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili b'rikors li jiġi ppreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti, fi żmien tletin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord."**

**"Li jfisser illi l-appellant ghandu jissodisfa u jikkonvinci lil din il-Qorti illi ghandu verament punt ta' dritt x' jissottometti ghall-istharrig u definizzjoni minnha u mhux sempliciment censura ta' l-apprezzament fattwali tal-provi prodotti. Lanqas ma jista' jkun ammissibbli illi taht il-pretest tal-punt ta' ligi jigu ventilati kongetturi u supposizzjonijiet li ma ghandhom ebda riskontru fil-provi prodotti u, wisq anqas, fil-ligi.[1]"**

Premess dan, allura ma hemmx dubbju illi l-pregudizzjali sollevata mill-appellat tisthoqq akkoljiment. Dan ghaliex il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa dwar l-interpretazzjoni moghtija mill-Bord ta'l-ittra jew *e-mail* mibghuta mill-Kummissarju tal-Pulizija lid-Direttur appellanti u cioe' jekk din tammontax ghall-approvazzjoni o meno li trid il-ligi fir-regolament 38(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 fejn hemm dispost:

**"Is-sid jew il-manager ta' xi post kummerċjali kif imsemmi hawn qabel, għandu japplika bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ bil-għan li jġib awtorizzazzjoni biex jestendi l-ħin ta' kummerċ għal dak il-post kummerċjali. Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għandha fi żmien sebat ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi dik l-applikazzjoni, tikkonsulta mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta biex tara jekk id-drittijiet rilevanti tal-liċenza fir-rigward ta' dak il-post kummerċjali humiex imħallsa u <u>għandha titlob ukoll l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija</u> biex jiġi estiż il-ħin ta' kummerċ tal-post kummerċjali. Fi żmien sittin ġurnata tax-xogħol wara li jirċievu dak l-avviż mingħand is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija għandhom jibgħatu tweġiba bil-miktub."**

---

[1] **App.Inf 24/01/2007 Victor Schranz vs Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Illi l-funzjoni ta' kull Qorti, Bord jew tribunal kostitwit skont il-ligi huwa li jinterpretaw u iqisu il-fatti li jirriżultawlhom, flimkien mas-setgħa u d-dmir li japprezzawhom u japplikaw għalihom il-liġi li tgħodd. Dan huwa l-qofol ta' eżerċizzju li jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Ikkunsidrat l-ilment tad-Direttur appellanti b'dina l-ottika, huwa evidenti li il-gudizzju espress mill-Bord dwar l-interpretazzjoni moghtija lil dikjarazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija incensurabbli minn din il-Qorti.

Maghdud dan, madanakollu, il-Qorti thoss illi ghandha taghmel is-segwenti riljev. Illi fil-korrisprondenza skambjata bejn id-Direttur appellanti u il-Kummissarju tal-Pulizija kien rikjest illi tinghata l-approvazzjoni ghall-estensjoni tal-hinijiet ta' ftuh tal-bar operat mill-appellat. Illi fit-twegiba tieghu ghal-kwezit ripost lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Kummerc, il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu li kellu jaghmel elenku ta' xi nuqqasijiet riskontrati mill-pulizija fil-bar in kwistjoni, izda minghajr ma ghamel dak rikjest minnu fil-ligi u cioe' illi jirregistra l-oggezzjoni jew l-approvazzjoni tieghu ghat-talba maghmula lilu. Illi id-Direttur li kellu l-fakolta kollha jitlob kjarifika minnghand il-Kummissarju u jitolbu jottempera ruhu ma' dak rikjest fil-ligi, ghazel li jinterpreta it-twegiba moghtija lilu bhala oggezzjoni u kwindi ghadda ghad-decizjoni tieghu billi cahad it-talba tal-appellat ghall-estensjoni tal-hinijiet ta' ftuh. Illi anke sussegwentement fil-proceduri intavolati mill-appellat sabiex jappella minn din id-decizjoni tad-Direttur quddiem il-Bord, id-Direttur appellanti rega' naqas milli iressaq l-ahjar prova billi jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija jixhed u jispjega l-kontenut tal-ittra ikkontestata. Dan wassal lil Bord ghad-decizjoni tieghu illi ma setax jikkonsidra illi l-ittra in kwistjoni ottemperat ruhha mar-rekwizit dispost fir-regolament 38(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja

441.07. Kwindi huwa id-Direttur li ghandu iwiegeb ghal dan in-nuqqas u hadd iktar.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u id-decizjoni tal-Bord qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ikunu ghak-karigu tad-Direttur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------